# BEATI U QADDISIN...MEJJU

**SAN VITOR MAURUS**

**8 TA' MEJJU**

San Vitor ircieva l-kuruna tal-martirju taht l-imperatur Massiminjanu. L-imperatur krudil meta mar Marsilja fejn Vitor kien iservi bhala ufficjal fl-armata rumana, hadha qatta bla habel kontra l-insara. Kien ta' konfort kbir ghal dawk li kienu kkundannati ghall-mewt. Imma fl-ahhar inqabad u gie arrestat. Quddiem l-imperatur huwa sostna li dejjem kien fidil lejh u lejn l-imperu, imma fuq l-imperatur kien hemm il-kmand ta' Alla.




Huwa rrifjuta li joffri qima lil idoli u minkejja li gie mhedded bil-mewt huwa ma bezghax u tkellem fuq il-premju etern li qed jistennieh.

Ghalkemm tkellem fit-tul fuq il-veru Alla, quddiemu poggewlu proposta jew is-sagrificcju lil allat jew il-mewt. Vitor wiegeb li gia kellu risposta: kien lest li jikkonferma b'demmu dik il-verita' li fuqha kien tkellem.

Huwa gie torturat u mbaghad mixhut fil-habs fejn matul il-ejl kellu dehra mill-angli.

Is-suldati li kienu ghassa mieghu msahhra mid-dehra, ipperswadew ruhhom mill-verita li fuqha kien tkellem Vitor u talbu li huma wkoll jitghammdu. Kif seta' Vitor kellimhom fuq il-verita' tar-religjon kattolika u mbaghad ghammidhom.

Mill-gdid haduh fuq it-tortura tar-rota u slugawlu ghadmu, sawtuh bil-vireg tal-hadid u haduh fil-habs. Bit-tama li jratbulu fehemtu u jissagrifika lil idoli haduh ghal darb'ohra fit-tribunal. Imma flok offra sagrificcju ta bis-sieq lil idolu u farrku f'elf bicca. Immashan kif kien l-imperatur ordna li jaqtghulu siequ u jitfghuh bejn ir-roti ta' mithna. Kienet is-sena 290.

Marisglia ghazlitu bhala l-patrun taghha u fil-knisja dedikata lill-qaddis ghadhom konservati b'ghozza kbira l-fdalijiet tieghu.

Jekk irridu nilhqu l-premju tas-sema, jehtigilna li nikkumbattu biex nosservaw il-ligi ta' Alla.

Nitolbu, O Alla, li kif l-istqarrija tal-fidi tal-martri tieghek San Vitor issahhahna anke lilna fil-fidi taghna, nircievu minghandek l-ghajnuniet biex nelghbu l-fragilita' taghna. AMMEN